MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 216/1996/1

**Maria xebba Debono u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2005, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Frances mart Raymond Galea, Rose mart Anthony Vella, u Salvino ahwa Rapa stante l-mewt ta' Maria Debono fil-mori tal-kawza**
**v.**

**Michelina Apap u zewgha Carmelo Apap ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li taqra hekk:
"Peress illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17 ta' Frar 1994 l-attrici kienet ikkoncediet b'donazzjoni lill-konvenuta Michelina Apap, in-neputija taghha, id-dar

f’Ghajnsielem, Ghawdex, Triq Hamri, numru 52 bl-art annessa maghha, l-intier tal-kejl ta’ cirka hames mija u erbgha u erbghin metru kwadru (544m.k.) u konfinanti min-nofsinhar ma’ Triq Hamri, punent ma’ Triq Malta, u tramuntana ma’ beni ta’ Teresa Rapa kif soggetta ghall-parti minn tlettax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm13.20) (sic) cens annwu u perpetwu revedibbli kull hamsin sena; liema proprjeta’ giet stmata ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000);

"U peress illi matul l-ahhar sena l-konvenuta u zewgha saru hatja ta’ ingratitudini fil-konfront ta’ l-attrici billi saru hatja lejha ta’ mohqrija u ta’ ingurji gravi; billi wkoll ippregudikaw hafna l-interessi ta’ l-attrici u billi kontinwament cahdulha l-ghajnuna illi minghajr xkiel kbir ghalihom setghu jghajtuha;

U peress illi ghaldaqstant l-attrici tixtieq u ghandha d-dritt tipprocedi ghat-thassir tad-donazzjoni fuq imsemmija minhabba l-ingratitudini da parti tal-konvenuti ai termini tal-Artikolu 1785 et seq tal-Kodici Civili;

"Talbet ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

"1. tiddikjara l-konvenuti hatja ta’ ingratitudini ai termini tal-Artikolu 1787 fil-konfront ta’ l-attrici; u illi tali ingratitudini tiggustifika t-talba da parti ta’ l-attrici ghat-thassir tad-donazzjoni minnha maghmula lil Michelina Hili fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17 ta’ Frar 1994;

"2. konsegwentement tordna t-thassir tal-kuntratt ta’ donazzjoni fuq citat;

"3. tordna il-pubblikazzjoni ta’ l-att ta’ thassir opportun ad opera ta’ nutar nominand fil-jum, hin, u lok illi jigu ghalhekk iffissati, u bl-intervent ta’ kuraturi nominandi sabiex jidhru fl-interess ta’ l-eventwali kontumaci fuq l-istess art;

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha l-konvenuti huma ingunti."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. illi ma hemmx lok ghar-revokazzjoni tad-donazzjoni moghtija bil-kuntratt tas-17 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo u dana peress illi ma jezistu l-ebda wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 1787 tal-Kodici Civili u fi kwalunkwe kaz hija l-istess attrici li ntenzjonalment irrifjutat kwalunkwe ghajnunha u assistenza minghand il-konvenuti bl-iskop li tipprova tirrevoka l-kuntratt ta' donazzjoni hawn fuq imsemmi; kif jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza;

"2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kaz odjern, tapplika l-preskrizzjoni fl-Artikolu 1790 tal-Kodici Civili.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, fl-14 ta' Dicembru 2005, li in forza taghha laqghet it-talbiet ta' l-atturi u ghall-fini tat-tielet talba nnominat lin-Nutar Dr. Josianne Cini sabiex tippubblika l-att ta' thassir opportun u lill-Avukat Joseph Grech bhala kuratur sabiex jidher ghall-eventuali kontumaci, u rriservat li tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt wara rikors appozitu ta' l-atturi; l-ispejjez jithallsu mill-konvenuti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Hu l-Artikolu 1787 tal-Kodici Civili li jipprospetta t-thassir ta' donazzjoni minhabba ingratitudini. Jistabilixxi dan l-artikolu kriterji tassattivi ghal tali fini evidenti mid-dicitura uzata: "id-donazzjoni ma tistax tithassar minhabba ingratitudini <u>hlief f'wiehed jew iehor</u> mill-kazijiet li gejjin". Ghalhekk, l-Artikolu citat, ifisser u jirristringi l-kazijiet ghall-fatt ta': attentat ghall-hajja tad-donatur mid-donatarju, jew li jkun sar hati lejh ta' mohqrija jew ta' ingurja gravi, jew minhabba li volutament ikun irreka lid-donatur deni u hsara kbira fil-propjeta' tieghu, jew ikun ippregudikalu hafna l-interessi tieghu, jew ghall-fatt li d-donatur, li jkun fi

bzonn urgenti ta’ manteniment jew ta’ ghajnuna personali ohra, jigi michud mid-donatarju, li minghajr xkiel kbir ghalih innifsu, ikun seta’ jassistih.

"Il-*Laurent* jghid in propositu li “*poiche’ la revoca e’ una penalita’, sara mestieri d’applicare il principio d’interpretazione seguito in materia di disposizioni penali; esse debbono intendersi in modo ristrettivo. Per quanto riguarda i fatti d’ingatitudine, la legge stessa lo dice…; prescrive [che] <la donazione tra vivi non potra’ essere revocata per causa d’ingratitudine che nei casi segwenti>. Ed anche questi casi debbono interpretarsi restrittivamente: essi costituiscono delitti civili; occorre dunque che rivestono la particolare caratteristica in causa di cui la legge li punisce come tali; all’infuori del testo del codice, non v’e’ ingatitudine” – Principi di Diritto Civile, Vol.12, pp.2.*

"Huwa fit-test ta’ dan il-hsieb, li jsib l-adesjoni ta’ din il-Qorti, li hi rilevanti s-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-proceduri stitwiti mill-Pulizija kontra Michelina Apap deciza fid-9 ta’ Mejju 2003 (esebita folio 241), li biha giet akkuzata, li fil-15 ta’ Awissu, 1996, ghall-habta ta’ xi 12.00pm f’Ghajnsielem, heddiet bil-kliem lil Maria Debono ta’ 85 sena, minn Ghajnsielem, u, li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sawtet lill-istess Maria Debono u b’hekk ikkagunatilha feriti ta’ natura hafifa …

"Issa fil-kuntest ta’ dina l-azzjoni civili huwa nkontestat li b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17 ta’ Frar 1994 l-attrici kienet ikkoncediet b’donazzjoni lill-konvenuta, in-neputija taghha, id-dar residenzjali taghha numru 52, Triq Hamri, Ghajnsielem, bl-art maghha annessa tal-kejl ta’ cirka 544 metri kwadri. Dina d-donazzjoni kienet sostanzjalment marbuta ma’ zewg kundizzjonijiet: wahda li l-fond kien ser iservi bhala l-ewwel u l-unika residenza tad-donatarja u zewgha – kundizzjoni risoluttiva li ma gietx fis-sehh u lanqas m’hi reklamata mill-attrici; l-ohra, li l-attrici rriservat favur taghha d-dritt ta’ uzu gratuwitu tul hajjitha fuq l-immobbli de qua – li hi stess poggiet fini ghalih f’Ottubru ta’ istess

sena 1996 meta halliet id-dar u marret tghix ma' neputijiet ohra.

"Intant, l-attrici qeghdha tipprospetta l-ingratitudini, kif evidenzjat mic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti, fuq li l-konvenuta u zewgha rrendew ruhhom hatja leja ta' mohqrija u ingurja gravi, u wkoll li ppregudikawlha hafna l-interessi taghha, u li kontinwament cahdulha l-ghajnunha illi minghajr xkiel kbir ghalihom setghu rendulha. Mill-ewwel ghalhekk jemergi car li fid-dawl ta' dak li gie fuq osservat l-indagni minn hawn 'il quddiem ghandha tigi ristretta ghall-allegazzjoni tal-mohqrija u ingurja gravi u l-'hafna pregudizzju' ghall-interessi taghha, u mhux wkoll fuq l-ahhar raguni addebitata fuq 'l-ghajnuna' li wahedha u minghajr il-bzonn urgenti ta' manteniment ma taghmel ebda test fl-ambitu ta' l-artikolu taht ezami.

"Illi kemm il-mohqrija u l-ingurja gravi, u kemm wkoll l-pregudizzju, ghandhom jirrizultaw mill-provi f'din il-kawza, izda li ghal dak li hi mohqrija u l-ingurja gravi, li ghandhom fattispecje simili, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha u tassumi l-importanza taghha.

"Issa mill-kumpless tal-provi, l-aggravju bbazat fuq il-'hafna pregudizzju ghall-interessi taghha', li hu sottintiz li jirreferi ghall-proprjeta' tad-donanti, difficilment jista' jirrizulta stante li minn imkien ma ntwera li l-interessi patrimonjali kienu mittifsa mid-donatarju, lanqas f'dak li jikkoncerna d-dar li ghal kull effett kienet harget mill-patrimonju tad-donanti u din il-Qorti ma tarax li l-'hafna pregudizzju' jista' b'xi mod jigi kollegat mal-fatt li d-donanti telqet mid-dar, ghalkemm dan l-fatt, mhux eskluz, li jista' jsib riljev fil-mohqrija jew l-ingurja gravi.

"Illi trattat dawn l-ahhar aggravji ghandu jkun pacifiku li l-mohqrija hija sinonima mas-sevizzi li jissinifika trattament hazin u li z-zewg frasi, l-mohqrija u l-ingurja gravi, huma kontradistinti mill-fatt gravi, specifika fit-tieni u implicita fl-ewwel. Jigifieri, riferibbilment ghall-kaz in dizamina, mhux sufficjenti li dawn jirrizultaw semplicement izda jehtieg li jirrizultaw f'certa gravita' u entita'. U hu hawnhekk li s-

sentenza ta' l-Appell Kriminali tassumi l-importanza taghha u li din il-Qorti ser tirriproduci l-parti rilevanti taghha ghall-fini ta' dan il-gudikat. Din tghid hekk:

*"“…ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa quddiem l-ewwel Qorti hi tal-<u>ferma konvinzjoni</u> – bhalma certament kienet l-ewwel Qorti – li l-appellanti verament aggrediet lix-xwejha Maria Debono (li tigi zijitha) fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, u li anke hedditha. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala m'ghandhiex temmen lil Maria Debono meta din iddeskriviet kif giet aggredita mill-appellanti (u ftit wara anke mir-ragel tal-appellanti) [il-konvenuti f'din il-kawza], billi defsitilha rasha fil-platt tal-brodu, hedditha li toqtolha, ghamlitilha mhadda ma' wiccha u ghafsitilha daharha mas-siggu li l-istess Debono kienet fuqu, u dan kollu apparentement minhabba li l-appellanti hassitha urtata ghaliex Debono kienet qalet lill-Arcipriet biex isarfilha c-cekkijiet tal-pensjoni minflok ma halliet lill-appellanti ssarrafhom kif kienet taghmel qabel. Il-verzjoni ta' Debono hija korroborata f'diversi cirkostanzi minn dik ta' Marylin Vella u ta' Mario Cachia, anke jekk id-disposizzjoni ta' dawn it-tnejn fuq aspetti ohra ma taqbilx bejniethom (jigifieri bejn dak li tghid Vella u dak li jghid Cachia). Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, kieku Maria Debono ma hassithiex verament mhedda ma kinitx tiehu r-riskju li titla' fuq il-bejt u minn hemm taqbez jew tixxabbat ghal got-triq b'riskju kbir ghaliha. Fid-deposizzjoni taghha l-appellanti tipprova timminimizza l-incident billi tiddeskrivi semplicement skambju ta' ftit kliem bejna u bejn Debono (li hija tiddeskrviha bhala li kienet 'irrabjata', 'sbruffata') u li wara dan l-iskambju marret kwieta, kwieta d-dar biex tiekol daqs li kieku ma gara xejn”.*

"U zdiedet imbaghad tghid dik il-Qorti, wara li ccitat bran mid-deposizzjoni ta' P.S. 346 John Saliba fuq li kienet stqarritlu l-konvenuta a tempo vergine li:

*"“altru, mela, milli ma nqala' xejn notevoli kif ippruvat taghti x'tifhem l-appellanti [il-konvenuta] fid-deposizzjoni taghha. U kif ma tafx x'gara wara, meta fid-deposizzjoni taghha tghid li waqt li kienet ghand ommha gie missierha*

*(cioe' missier l-appellanti) u qalilha li Debono [l-attrici] kienet fuq il-bejt qed tagixxi b'mod mhux normali, u wara rat lil Debono miexja fit-triq sejra fid-dar ta' Tereza Vella? Il-verzjoni ta' l-appellanti u tax-xhieda minnha prodotti m'ghandhiex mis-sewwa. Il-Qorti tosserva wkoll li l-appellanti pprovat anke tgiddeb lill-Arcipriet ta' Ghajnsielem dwar l-argument li hija kellha mieghu proprju minhabba l-affari tac-cekkijiet ta' zijitha".*

"Illi, li imbaghad dik il-Qorti tal-Appell illiberat lill-konvenuta mill-akkuza tal-feriti hfief izda sabitha invece hatja ta' l-akkuza kontravenzjonali ta' hebb, hu nkonsekenzjali ghall-finijiet ta' din l-azzjoni civili, stante illi dak li osservat l-Qorti tal-Appell b'mod skjett fis-sentenza taghha jibqa' tali u din il-Qorti frankament ma tirrijavvisa ebda raguni l-ghala m'ghandhiex hi wkoll taghti l-istess valur probatorju lix-xhieda ta' l-attrici li giet favorevolment ikkunsidrata mhux biss mill-Qorti tal-Appell imma wkoll minn dina l-Qorti diversament preseduta, di piu', f'proceduri kriminali fejn l-oneru tal-prova huwa aktar rigoruz minn dak f'azzjoni civili. Mhux hekk biss pero' billi, apparti l-incident li kien l-isfond tal-kawza kriminali, l-attrici isemmi incidenti ohra (ara affidavit taghha folio 8 et seq) li anka fl-isfond tas-sentenza ta' l-Appell jaghtu tifsira cara lill-kliem li l-attrici kienet tghid man-nies, kif xehdu bosta xhieda, fis-sens ta' "x'qeghdin jaghmluli", b'referenza ghall-konvenuti, u jkomplu jispjegaw u jaghtu piz lill-fatt li l-attrici fi zmien recenti wara l-ahhar incident ta' Awissu, 1996, telqet mid-dar u marret tghix l-ahhar snin man-neputijiet taghha. U, fil-fehma ta' din il-Qorti hu marginali u ta' ftit importanza l-fatt li l-ahhar osservazzjoni riprodotta mis-sentenza ta' l-Appell saret minn dik il-Qorti fuq skorta tax-xhieda moghtija minn P.S 346 li ma xehedtx f'dawn il-proceduri. Ghalhekk din il-Qorti wkoll temmen, bhall-Qrati qabilha, li kien hemm mid-donatarju, il-konvenuta, maltrattament lejn l-attrici tali li jissarraf f'mohqrija/sevizzi, li per se huma gravi, u wkoll ta' ingurja gravi assocjata mal-fatt tal-hebb u incidenti ohrajn.

"Issa stante li allura jrrizultaw pruvati kemm il-mohqrija u kemm l-ingurja gravi previsti bhala ragunijiet li jgibu t-thassir tad-donazzjoni kif provdut fl-imsemmi Artikolu

1787 sub-inciz (a) tal-Kap 9, isegwi bhala konsegwenza li l-atturi, illum subentrati ghall-attrici li mietet fil-mori tal-kawza, ghandhom jirnexxu fil-kawza."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:
"Fl-ewwel lok tannulla s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni Generali fl-14 ta' Dicembru 2005, fl-atti tac-citazzjoni surreferita, u dan fid-dawl ta' l-ewwel zewg aggravji tal-konvenuti appellanti, bl-ispejjez kontra l-atturi, u tirrinvija l-atti mill-gdid quddiem l-ewwel Qorti halli l-kawza tigi deciza skond il-ligi, u fin-nuqqas li jintlaqghu dawn l-ewwel zewg aggravji, tirrevoka s-sentenza appellata ghar-ragunijiet imsemmija fl-aggravji l-ohra billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tirrigetta t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati."

Rat ir-risposta ta' l-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti ghandha tichad l-appell interpost mill-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17 ta' Frar 1994, l-attrici Maria Debono kkoncediet b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenuta neputija taghha, Michelina Apap, il-fond 52, Triq Hawri, Ghajnsielem. L-attrici qed tallega li, wara li sar dan il-kuntratt, l-istess konvenuta u zewgha rrendew ruhhom hatja ta' mohqrija u ingurji gravi fil-konfront taghha, u qed tipprospetta li thassar id-donazzjoni minhabba ingratidutini kif kontemplat fl-Artikolu 1787 tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti sabet li l-attrici rnexxiela tipprova kazijiet mohqrija u ingurji gravi rezi mill-

konvenuti fil-konfront taghha, u, ghalhekk, ordnat it-thassir tal-kuntratt.

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u ressqu diversi aggravji kemm kontra l-validita` legali tas-sentenza, kif ukoll fil-meritu. L-aggravji taghhom jistghu jitqieghdu taht erba' kapi, u cioe`,

(i) in-nullita` tas-sentenza peress li l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnhom sollevata;

(ii) in-nullita` rizultat mill-fatt li meta, fis-sentenza, cahdet talba ghall-isfilz ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma mmotivatx id-decizjoni;

(iii) in-nullita` rizultat tal-fatt li l-ewwel Qorti strahet kwazi ghal kollox fuq dak deciz fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenuta meta l-process civili u dak kriminali kellhom jinzammu separati minn xulxin; u

(iv) fil-meritu, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li, fil-fehma taghhom, ma jurux dak l-estrem ta' mohqrija u ingurja gravi li trid il-ligi.

Ghar-rigward ta' l-ewwel aggravju, din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni li tat din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Camilleri v. Calleja**, deciza fl-20 ta' Jannar 2003, fejn ukoll giet sollevata l-kwistjoni tan-nullita` tas-sentenza stante li ma nghatatx decizjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut. Il-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fuq din il-materja:
"L-ewwel aggravju ma huwiex xi proposizzjoni assoluta ta' dritt. Dan in kwantu, kif ritenut, "*in-nullita ta' sentenza m'ghandiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta*". (**Vol XXX pI p953**).

"L-Art 790 infatti jipprovdi dan:-

"“*Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb il-quddiem eccezzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun*

*gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimita' tal-persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tkun extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq.*"

"“*L-oggezzjoni sollevata mill-appellanti ma taqax taht xi wahda mill-kazijiet fejn din id-disposizzjoni tezigi li l-Qorti kellha tilqa' eccezzjoni ta' nullita' ta' sentenza*” (**Giovanna Vella et –vs- Emmanuela armla Camilleri et**”, Appell, 19 ta' Mejju 2000).

"Materja bhal dik hawn dibattuta li wkoll kienet tirrigwarda l-preskrizzjoni giet analizzata fil-kawza fl-ismijiet “**Carmelo Sultana noe et –vs- Annunzjata armla Giordmaina**”, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Frar 1964.

"Fiha intqal hekk:-

"“*Qabel xejn jinghad li dina l-ahhar eccezzjoni fuq imsemmija skond l-Art 731 (*illum Art 730*) tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi deciza b'kap separat u n-nuqqas ta' decizjoni taghha proprjament tikkostitwixxi nullita' imhabba difett ta' forma u peress li tikkoncerna l-ammissibilita' tal-kawza, u li r-rimedju normalment huwa dak li s-sentenza tigi annullata u l-attijiet jigu mill-gdid rinvijati lill-ewwel Qorti (Ara Appell 12 ta' Dicembru 1931 in re Cassar –vs- Cachia, Vol XXVII pI p663 – Appell 7 ta' Mejju 1951, Carmelo Micallef –vs- Brigadier John B. McCanee – Kummerc, 5 ta' Frar 1895; Califato noe –vs- Muscat noe, Vol XV pag 44). Gie pero' ukoll “in subjecta materia” deciz in forza tal-artikolu 793 Kap 15 (*illum Art 790 kap 12*) li simili eccezzjoni, li mhiex espressament eccettwata ghall-non-applikazzjoni ta' dak l-artikolu, ma ghandiex tigi nitrattenuta jekk l-appell isib li s-sentenza moghtija b'dak in-nuqqas hija gusta sostanzjalment (Ara Appell Civili Inferjuri 11 ta' Dicembru 1957 “**Avukat Dr. Giuseppe Vella et –vs- Giuseppe Gatt**”; Appell Civili Inferjuri 3 ta' Mejju 1899 **“Sapiano –vs- Muscat”** Vol XV p43)*”.

"Huwa desumibbli minn dan riportat illi din il-Qorti ta' revizjoni, qabel kull decizjoni fuq il-punt tan-nullita' jew tal-punt l-iehor tal-gustizzja sostanzjali jew le tas-sentenza appellata, jehtiegilha tindaga l-meritu u l-motivazzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti."

Din il-Qorti, pero`, ma tarax li tista' tikkondividi dan il-hsieb. Fil-ktieb ta' **Jacobs and White** "The European Convention on Human Rights" (3rd Ediz. pagna 158), intqal hekk dwar il-htiega li jigu trattati l-eccezzjonijiet sollevati:
*"A reasoned decision, while not expressly required by Article 6, is implicit in the requirement of a fair hearing, which has been recognized by the Court. If a court gives some reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied, and this presumption is not upset simply because the judgement does not deal specifically with one point considered by an applicant to be material. <u>On the other hand, if for example, an applicant were to show that the court had ignored a fundamental defence, which had been clearly put before it and which, if successful, would have dischared him in whole or in part from liability, then this would be sufficient to rebut the presumption of a fair hearing</u>*."

Jidher, ghalhekk, li meta l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li giet formalment u kjarament sollevata, kienet qed iccahhad lill-konvenut bid-dritt ghal smigh xieraq, u kwindi anke a tenur ta' l-Artikolu 790 tal-Kap. 12, l-eccezzjoni ta' nullita` ghandha tintlaqa' ghax, bin-nuqqas ta' l-ewwel Qorti, hija kienet qed "tippregudika l-jedd (tal-konvenut) ta' smigh xieraq".

Fuq kollox, kif taraha din il-Qorti, is-sentenza tista' tkun gusta, ghandha mill-haqq u mis-sewwa, jista' ikun li l-konvenut verament jimmerita li jkun ikkundannat ghat-talbiet attrici, pero`, jispicca hieles minn kull responsabbilita` minhabba li l-azzjoni attrici tkun preskritta. Ghalhekk, darba li eccezzjoni simili tigi sollevata, ma tistax tigi injorata mill-Qorti. Kwindi, din il-Qorti tara li, fic-cirkostanzi, l-uniku rimedju huwa li dik is-

sentenza tigi annullata, u l-atti jigi rinvjati lill-ewwel Qorti (ara Kollex. Vol. XXXV.1.101).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti, billi tilqa' l-ewwel aggravju u thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Dicembru 2005, u tirrinvija l-atti ghal quddiem l-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kaz skond il-ligi.

L-ispejjez tal-kawza inkorsi sa issa jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------